Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 10/2025

20 ta' Ottubru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużata:

| | |
|---|---|
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**10.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Joanna Abdilla avżat li ma kinitx ser tlaħħaq tattendi għal-laqgħa. Hija ġiet skużata.

**10.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 9.4 (*Guardian of Future Generation Project*) kien hemm ċaqlieq fid-data u issa l-Press Call kienet ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, 2025 fl-10:30am.

10.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 9.1.2 għal proġett *San Filippo Del Mela* fi Sqallija r-rappreżentanti kienu marru.

10.1.3 Is-Sindku qal ref punt 9.2.6 (laqgħa ma Għaqda Residenti Safi) issa kienu nfurmawh li l-Press Call dwar l-iżvilupp Ta' Amparell se jsir nhar s-Sibt 8 ta' Novembru fl-10:00am.

Is-Sindku spjega li f'din iż-żona kienet daħlet *Planning Application* oħra fejn żdiedu 19-il unit oħra, bin-numru ta' appartamenti s'issa tela' għal 143.

10.1.4 Is-Sindku qal ref punt 9.2.7 (Kunsill tat-Tfal) il-Kunsill kien għadu qed jistenna data meta ser issir din l-attività. Is-Sindku spjega li għal din l-attività l-Kunsill kien ser jipprovdi l-barriers, il-preżenza tal-*Community Police* u xi ftit ilma għal parteċipanti.

10.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 9.2.14 (serata Marjana) kien tkellem mal-organizzatur li kien qed isib diffikultajiet kbar biex ilaqqa' lil kulħadd flimkien għalhekk il-ħin kien ser jibqa' l-istess. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex javżaw min kien ser jattendi biex ikollhom post riservat.

10.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 9.3.7 (mużew tal-bniet) il-*Community Police* kienu qed imorru ħdejn il-Mużew tal-bniet. Huwa qal li talabhom ikellmu lis-superjura għall-iktar dettalji.

10.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 9.3.8 (Triq Carmelo Caruana), *Projects Green* kienu bdew inaddfu dawn iż-żoni u fil-ġranet li ġejjin se jħawwlu arbuxelli ġodda.

Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku jagħti xi informazzjoni dwar iż-żjara li kienu għamlu f'*San Filippo Del Mela* fi Sqallija.

Is-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li kienet esperjenza simili għal żjarat preċidenti, fejn din id-darba żaru żewġ postijiet, waħda raffenerija taż-żejt taż-żebbuġ li kienet esperjenza sabiħa ħafna u *Notte Bianca* simili bħal ma ssir hawn Malta fuq skala iżgħar.

Il-Viċi Sindku qal li huwa kien ġie intervistat u li l-intervista li kienet ser tixxandar fuq Vetrina TV.

10.1.8 Is-Sindku qal li ref punt 9.5 Kwotazzjonijiet Tabelli għat-*Traffic Management*, issa t-tabelli kienu bdew jeħlu u li kien jonqos iż-żebgħa. Huwa qal li l-pjan kien li hekk kif ilestu mit-tabelli u ż-żebgħa l-Kunsill kien ser itellgħa avviż fuq Facebook page tal-Kunsill u jinkixfu t-tabelli kollha f'daqqa.

10.1.9 Is-Sindku qal li ref punt 9.3.11 (Sqaq San Pawl numru 1 ħdejn il-Każin tan-Nazzjonalisti) kienu marru fuq il-post pero' din kienet tidher li hija propjetà privata.

10.1.10 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien irraporta bozza S59 wara l-Ġnien ta' Ball fl-aħħar laqgħa u li sa nhar l-Erbgħa ta' qabel il-laqgħa kien għadha ma tixgħelx.

**10.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.2.1 Is-Sindku qal li xtaq ifakkar lill-Kunsillieri li l-*Clean Up* kienet ser issir nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru, 2025 fejn id-*Dog Park* għax reġa' kien hemm il-ħmieġ.

10.2.2 Is-Sindku qal li minn naħa tad-*DLG* kienet intbagħtet komunikazzjoni sabiex min kien interessat japplika għal Korsijiet ta' taħriġ jista' jagħmel permezz ta' din l-iskema. DLG se jkun qed jirrifondi lura l-ispejjeż tal-kors permezz ta' fondi Ewropej. Kors jista' wkoll ikun barra minn Malta. Importanti li l-korsijiet magħżula jkunu relatati max-xogħol tal-Kunsill.

10.2.3 Is-Sindku qal li l-Erbgħa 12 ta' Novembru, 2025 fl-10:00am kienet ser issir it-tnedija tal-*Bus Bee Game* sabiex ikun hawn aktar għarfien tan-naħla Maltija. Is-Sindku spjega li r-*Reġjun Punent* kienet għoġbithom din l-inizjattiva u għalhekk kienu ser iressquha lill-iskejjel. It-tnedija se ssir fl-iskola primarja ta' Ħal Safi.

10.2.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva l-invit minngħand l-AKL għal *Gala Night tal-Milied* li ser isir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru, 2025 l-Limestone Heritage, is-Siġġiewi.

10.2.5 Is-Sindku qal li delegat tal-Banda kien talab jekk hux possibbli li s-sena d-dieħla Jum Ħal Safi jiġi ċelebrat nhar il-Ħadd 19 ta' April, 2026 sabiex ikun jista' jikkordina l-banda. Kunsill qabel.

10.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva inizjattiva fejn ir-*Reġjun Punent* kien ser jipprovdi AED biex teħel xi mkien fir-raħal fuq barra. Is-Sindku qal li l-finanzjament tal-AED

kienet ser titħallas mir-Reġjun kompletament. Is-Sindku qal li fir-raħal diġa' kien hawn tnejn AED's, waħda ħdejn il-KUNSILL u oħra fil-pjazza tar-Raħal. Il-Viċi Sindku ssuġġrixxa li jekk tinxtara AED oħra l-Kunsill seta' jpoġġiha ħdejn il-Berġa l-antika biex b'hekk inkunu qed nilħqu dik il-parti tar-raħal ukoll. Is-Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 10.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.3.1 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet irċeviet talba sabiex żewġ studenti mill-*Junior College* xtaqu jagħmlu l-proġett tal-System of Knowledge mal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jistgħu javviċinawna.

10.3.2 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet irċeviet suġġeriment li t-*telephone box* li hemm fejn l-għassa tal-pulizija tinbidel f'open library. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li t-triq fejn hija t-*telephone box* hija wisq traffikuża u 'l bogħod minn CCTV biex tkun monitorjata.

10.3.3 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien irċieva suġġeriment minn resident li l-isfel minn *Ġnien Dun Karm Vella* isiru kaxxi bojod fejn diġà jipparkjaw il-karozzi u hekk din il-persuna tkun tista' tapplika għal *Reserved Parking tad-diżabilità*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din il-persuna jekk għandha *Blue Badge* dejjem tista' tapplika għal *Reserved Parking* anke jekk ma jsirux il-kaxxi bojod.

10.3.4 Il-Kunsillier Kurt Debono qali li persuna kienet avviċinatu sabiex isir *bust* ta' Dun Karm Vella issa li kien ser isir l-*embellishment* tal-Ġnien. Is-Sindku qal li anke lilu kienu avviċinawh pero' għalkemm il-familja ta' Dun Karm Vella kienu lesti li jħallsu l-ispejjeż kollha din kienet kwistjoni li l-Kunsill kellu jiddiskuti ma' *Project Green*. Is-Sindku qal li kellu kkonferma mill-*Street Naming Committee* li mhux ser jinbidel isem il-Ġnien.

### 10.4 Approvazzjoni Kwotazzjoni Perit Proġett Vjal Kulħadd

Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni tal-Perit rigward il-Proġett tal-Pjazza. Huwa spjega li għalkemm l-ispejjeż tal-Perit għall-Proġett *'Vjal Kulħadd'* kellhom jitħallsu minn *Infrastructure Malta,* il-Kunsill xorta kellu japponta Perit, u li dan l-ewwel kellu jitħallas mill-Kunsill u wara l-istess spejjeż jiġu rimborżati minn *Infrastrucutre Malta*. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju ma kinitx tagħmel sens li nbiddlu l-Perit meta l-Perit li applikalna għal *Vjal Kulħadd* kien diġa' wettaq ħafna xogħol li l-Kunsill diġa' kien ħallas

għalihom. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jagħmel talba għal *Direct Order* għal din il-kwotazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.5 Approvazzjoni Kwotazzjoni Inginier Proġett Vjal Kulħadd**

Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni tal-Inġinier rigward il-Proġett tal-Pjazza. Huwa spjega li l-istess bħal kwotazzjoni tal-Perit, l-Inġinier diġà kien wettaq ħafna xogħol fuq id-disinn tal-pjazza u ma kinitx tagħmel sens li nbiddlu l-Inġinier li ħadem id f'id mal-Perit għall-applikazzjoni ta' *Vjal Kulħadd*. Is-Sindku propona li anke din il-kwotazzjoni l-Kunsill jagħmel talba għal *Direct Order*. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.6 Milied**

Il-Kunsill qabel li jsiru dawn l-attivitajiet għal żmien il-Milied:

Party tat-Tfal
Ikla tal-Istaff tal-Kunsill
Ikla tal-Anzjani – it-Tieni Ħadd ta' Jannar
Hampers lil nies Anzjani housebound
Kunċert tal-Milied flimkien ma Kor Sine Macula
Big Friends Guggen Musik Malta idur mar-Raħal
Gala Dinner
Pantomina

**10.7 Korrispondenza**

Ma kienx hemm talbiet għal diskussjoni ta' xi korrispondenza.

**10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**10.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru 2025 fis-6:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv